**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 8 ta' Awwissu 2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Joseph Pisani**
**(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 493073M)**

**Il-Qorti,**

Rat li Joseph Pisani iben Angelo u Mary xebba Bezzina, imwieled ġewwa l-Pieta' nhar id-disgħa (9) ta' Settembru tas-sena elf disgħa mija u tlieta u sebgħin (1973), residenti ġewwa 71, Triq D'Argens, Msida u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 493073M, tressaq taħt arrest u ġie akkużat talli nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn il-ħdax ta' filgħodu (11 :00) u nofsinhar (12:00) minn ġewwa Izibet, Ix-Xatt ta' Xbiex, Msida, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gzejjer:

*1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u li sar għad-dannu tal-kumpanija Izibet u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra, liema serq sar flimkien ma' sekwestru tal-persuna ta' Mari Jose Medina Conde;*
*Artikoli 261(a)(b)(c), 262(1)(b)(2), 263(b), 267, 275, 277(b), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Maria Jose Medina Conde kontra l-volonta tagħha, liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex Maria Jose Medina Conde tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha;*
*Artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkawża lil Maria Jose Medina Conde biża li se tintuża vjolenza kontriha, liema delitt twettaq bl-użu jew it-theddid tal-użu tal-arma;*
*Artikolu 251(3) u 251(H)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi filwaqt li kien qed jagħmel reat ta' serq kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti;*
*Artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkunsidra lil Joseph Pisani bħala reċidiv b'sentenzi li huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra, u dan *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex toħroġ ordni jew ordnijiet ta' protezzjoni kontra l-imputat u favur il-parti jew partijiet leżi *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm fil-mori tal-kawża kif ukoll, kemm-il darba tinstab ħtija, u tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A u Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens xieraq lill-partijiet partijiet leżi;

Għaldaqstant, filwaqt li l-prosekuzzjoni eżebiet il-fedina penali tal-akkużat flimkien ma dokument ta' identifikazzjoni u talbet li dan il-każ jiġi pproċessat skont il-liġi.

Rat li l-Avukat Ġenerali permezz tan-nota ta' rinviju tal-5 t'Awwissu 2024 bagħat lill-imputat sabiex jiġi proċessat bir-riserva għas-smigħ tax-xhieda indikati skont l-artikolu 392A(5), dwar l-artikoli kif jidhru hawn taħt:

1. Fl-artikoli 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 275, 277(b), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 251(3) u 251H(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 15A, 17, 31, 49, 50, 382A, 383, 384, 385, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi llum stess wara li ġew sodisfatti l-kweżiti msemmija fin-nota tar-rinviju tal-5 ta' Awwissu 2024, l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kienx fadlilha provi xi tressaq f'dan il-każ.

Rat li llum stess wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-artikoli msemmija hawn fuq, l-akkużat ta' l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-akkużat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-akkużat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-akkużat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 275, 277(b), 279(b), 280(2), l-Artikoli 86 u 87(1)(e), l-Artikoli 251(3) u 251H(ġ), l-Artikoli 49 u 50, l-Artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 532A, 532B u 533, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li rat it-talba konġunta tal-akkużat u tal-prosekuzzjoni magħmula ai termini tal Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-akkużat stess il-Qorti ssib lill-akkużat Joseph Pisani, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 493073M, ħati tal akkużi kollha miġjuba fil konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' sitta u għoxrin xahar (26) priġunerija effettivi li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu ta' arrest preventiv li skonta l-ħati dwar dan il-każ biss.

Finalment il-Qorti abbażi tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti u periti li jammontaw għal-erbat elef seba' mija sitta u tletin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€4,736.39c)(Dr Mattia Felice - €832.60, SOCO - €894.79, Dr Marisa Cassar - €3,009.00)

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------